DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2010**

StudentBounty.com

**L-EWWEL SENA** **STUDJI SOĊJALI** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________________________ **Klassi:** _______________

**Taqsima A**

**Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin billi tagħżel VERU jew FALZ. Immarka t-tweġiba b'ċirku madwarha jew b'sing taħtha:**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | L-Istudji Soċjali jgħallimna kif aħna ngħixu fis-soċjetà ta' madwarna. | Veru/Falz |
| 2. | Fis-soċjetà l-bniedem jista' jgħix għal rasu mingħajr għajnuna ta' ħadd. | Veru/Falz |
| 3. | F'soċjetà, waħda mill-isbaħ affarijiet li ssib hija li kull bniedem huwa uniku. | Veru/Falz |
| 4. | 'Tolleranza' tfisser li jien ma nagħti kas ta' ħadd. | Veru/Falz |
| 5. | Kif inġib ruħi ma' bnedmin oħra fis-soċjetà tissejjaħ protezzjoni. | Veru/Falz |
| 6. | Edukazzjoni formali huwa t-tagħlim li jingħata fl-iskejjel. | Veru/Falz |
| 7. | Il-ġenituri huma kontributuri importanti fl-edukazzjoni formali tal-ulied. | Veru/Falz |
| 8. | Jum id-Drittijiet tal-Bniedem jiġi ċċelebrat nhar l-10 ta' Diċembru. | Veru/Falz |
| 9. | Bħala ċittadin għandi d-dmir li nieħu ħsieb l-ambjent ta' madwari. | Veru/Falz |
| 10. | F'soċjetà demokratika kull ċittadin jitqies l-istess quddiem il-liġi. | Veru/Falz |

**(Marka 1 x 10 = 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima B**

**Imla l-vojt billi tagħżel il-kelma t-tajba minn dawn li ġejjin:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| fl-elezzjonijiet | drittijiet | gżira | ġungla | relazzjonijiet |
| dmirijiet | soċjetà | sanzjonijiet | soċjali | interdipendenti |
| ċittadini | soċjologu | soċjalizzazzjoni | identità | liġijiet |

Il-bniedem huwa maħluq biex jgħix ma' bnedmin oħra. Komunità ta' persuni li jgħixu flimkien tissejjaħ ___________________________. Meta grupp ta' persuni jiddependu fuq xulxin biex jgħixu ngħidu li dawn huma ___________________________. L-ebda bniedem m'hu ___________________________. F'komunità ħajja, kull persuna ta' kuljum tagħmel ħilitha kollha biex tissodisfa l-bżonnijiet ___________________________ u ekonomiċi tagħha. Fil-ħajja tagħna ta' kuljum, aħna l-ħin kollu nibnu ___________________________ ma' ħaddieħor. F'kull soċjetà, il-bniedem igawdi sett ta' ___________________________, iżda għandu wkoll numru ta' ___________________________ x'jobdi. Ir-regoli li pajjiż jagħmel biex kulħadd jgħix kif suppost jissejħu ___________________________. F'pajjiż li fih ikun hemm nuqqas ta' dawn ir-regoli ngħidu li fih tirrenja l-liġi tal-___________________________. Għal dawk li jiksru dawn ir-regoli, is-soċjetà timponi fuqhom numru ta' ___________________________. Dawk il-persuni li jkunu twieldu f'pajjiż partikolari jissejħu ___________________________, u meta dawn jagħlqu 18-il sena jkunu jistgħu jieħdu sehem ___________________________ ġenerali ta' dak il-pajjiż. Il-proċess twil li matulu persuna tgħix f'soċjetà jissejjaħ ___________________________. Kull persuna hija differenti minn oħra, u allura ngħidu li għandha ___________________________ differenti. Persuna li tistudja kif taħdem is-soċjetà tissejjaħ ___________________________.

**(Marka 1 x 15 = 15-il marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima Ċ**

**Qabbel il-frażijiet ta' kolonna A ma' dawk ta' kolonna B billi fil-kolonna l-vojta tan-no tikteb in-numru t-tajjeb (minn 1 sa 10)**

| | KOLONNA A | | KOLONNA B |
|---|---|---|---|
| 1. | Is-sillabi u t-tagħlim fl-iskola | | huwa dmir u dritt tiegħi fl-istess ħin. |
| 2. | *Peer group* huwa wieħed | | huwa dritt fundamentali tal-bniedem. |
| 3. | Fil-familja, in-nanniet | | l-ewwel relazzjonijiet li persuna jkollha mal-ġenituri tagħha. |
| 4. | Is-suġġetti li jiġu mgħallma fl-iskola u kull attività u tagħlim ieħor | | jitqiesu bħala suġġetti ewlenin u, għalhekk, huma obbligatorji. |
| 5. | 'Soċjalizzazzjoni primarja' tfisser | | jiffurmaw parti mill-edukazzjoni formali tiegħi. |
| 6. | Li mmur l-iskola | | li taħdem favur id-drittijiet tal-bniedem. |
| 7. | Id-dritt għall-edukazzjoni | | rispett lejn l-għalliema u lejn il-kap tal-iskola. |
| 8. | Ċerti suġġetti mgħallma fl-iskola, bħall-Malti, | | li l-membri tiegħu jaqsmu l-istess normi u valuri. |
| 9. | Fl-iskola l-istudenti għandhom juru | | jiffurmaw il-kurrikulu. |
| 10. | Il-Ġnus Magħquda hija organizzazzjoni | | jgħinu fl-edukazzjoni informali tagħna. |

**(Marka 1 x 10 = 10 marki)**

**Taqsima D**

**Agħżel it-tweġiba t-tajba billi taqta' sinjal taħtha. Tweġiba waħda biss hija tajba.**

1. Fis-soċjetà, kull persuna għandha sett ta'
   - a. drittijiet.
   - b. dmirijiet.
   - ċ. drittijiet u dmirijiet.

2. Il-passatempi tagħna jiffurmaw parti mill-
   - a. edukazzjoni formali tagħna.
   - b. edukazzjoni informali tagħna.
   - ċ. kultura ta' pajjiżna.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. L-iskola tippreparana biex
   a. inkunu ċittadini tajba fil-futur.
   b. ngħaddu mill-eżamijiet.
   ċ. nikkompetu bejnietna.

4. It-Tempji Preistoriċi ta’ Malta
   a. jiffurmaw parti importanti mill-kultura Maltija.
   b. jinstabu f’diversi pajjiżi tad-dinja.
   ċ. inbnew mir-Rumani.

5. Fiċ-ċentru tar-raħal tradizzjonali Malti nsibu diversi
   a. ġonna pubbliċi.
   b. knejjes u kappelli.
   ċ. banek kummerċjali.

6. Iċ-ċentri tas-saħħa
   a. jagħtu pariri lill-ġenituri dwar it-trobbija ta’ uliedhom.
   b. joffru servizzi dwar il-ħarsien tal-ambjent.
   ċ. joffru servizzi ta’ kura liċ-ċittadini.

7. Fit-8 ta’ Settembru Malta tiċċelebra l-festa ta’ Madonna tal-Vitorja u tfakkar
   a. ir-rebħa ta’ Malta fl-Assedju l-Kbir.
   b. ir-rebħa ta’ Malta fuq l-Ingliżi.
   ċ. Jum l-Indipendenza.

8. Tradizzjoni popolari Maltija marbuta mat-8 ta’ Settembru hija
   a. it-tberik tal-annimali fir-Rabat.
   b. ir-regatta.
   ċ. il-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna f’kull belt u raħal Malti.

9. Xi tfisser għalik soċjetà demokratika?
   a. Il-membri tas-soċjetà huma kollha l-istess taħt il-liġi.
   b. Soċjetà li fiha s-sinjuri biss jikkmandaw.
   ċ. Soċjetà fejn ħadd ma jista’ jieħu deċiżjoni.

10. Bħala Maltin għandna naħdmu aktar biex fil-festi tal-irħula tagħna
   a. jonqos ir-rispett lejn xulxin.
   b. jonqsu l-pika u l-kompetizzjoni.
   ċ. tonqos it-tolleranza.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**(Marka 1 x 10**

**Taqsima E**

**Wieġeb għal dawn il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin fl-ispazju vojt:**

1. Fisser id-differenza bejn 'dritt' u 'dmir'.

2. Agħti eżempju ta' dmir **u** eżempju ta' dritt.

3. X'inhi 'soċjetà'?

4. X'inhi 'soċjalizzazzjoni'?

5. Xi jfisser li tkun persuna tolleranti?

6. Agħti **ŻEWĠ** eżempji ta' gruppi kulturali.

7. Xi tfisser għalik 'rikreazzjoni'?

8. Agħti **ŻEWĠ** eżempji ta' kunflitti fi grupp.

9. Uri d-differenza bejn 'indipendenti' u 'interdipendenti'.

10. X'jiġifieri meta ngħidu 'drittijiet tal-bniedem'?

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**(2 marki x 10 ...)**

**Taqsima F**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet kollha li ġejjin:**

1. Ftit taż-żmien ilu sirt membru ta' għaqda fir-raħal tiegħek. Inti tieħu gost bl-attivitajiet li din l-għaqda torganizza. Iżda għandek problema, li ta' spiss ma tilħaqx ftehim ma' uħud mill-membri l-oħra, daqqa fuq ħaġa u daqqa fuq oħra. Inti, bħala membru ta' din l-għaqda, kif għandek taħdem biex tevita kemm jista' jkun kunflitti ma' sħabek tal-għaqda?

   ______________________________________________
   ______________________________________________
   ______________________________________________
   ______________________________________________

2. Pawlu kien għaddej fit-triq fir-raħal tiegħu u ra grupp ta' tfal jagħmlu ħsara fil-bandli tal-pjazza. Beża' li jekk ikellimhom jistgħu jidħku bih jew jagħmlu għalih. X'kont tagħmel inti f'sitwazzjoni bħal din?

   ______________________________________________
   ______________________________________________
   ______________________________________________
   ______________________________________________

3. Waħda mill-ħbieb tiegħek timrad għal xi żmien u jkollha tfalli ħafna skola. L-għalliem tiegħek jgħidlek li din il-ħabiba għandha bżonn l-għajnuna, issa li qorbu l-eżamijiet. X'tip ta' għajnuna kont toffrilha?

   ______________________________________________
   ______________________________________________
   ______________________________________________
   ______________________________________________

4. Spiċċat il-lezzjoni tal-Matematika. L-għalliem tal-Matematika joħroġ mill-klassi u inti u sħabek qed tistennew lill-għalliem tal-lezzjoni ta' wara. Spjega kif inti, bħala student, għandek iġġib ruħek waqt dan il-ħin u kif tgħin lil sħabek tal-klassi biex tinżamm l-ordni sakemm jasal l-għalliem l-ieħor.

   ______________________________________________
   ______________________________________________
   ______________________________________________
   ______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

5. Matul din il-ġimgħa kellek ħafna *homework* x'tagħmel. Tħossok għajjien u tixtieq t
tmiem il-ġimgħa. Kif tgħaddih tmiem il-ġimgħa biex tkun tassew ħadt ir-rikreazzjoni l
jistħoqqlok?

**(3 marki x 5 = 15-il marka)**

**Taqsima Ġ**

**Ikteb komponiment ta' madwar 100-120 kelma fuq WIEĦED minn dawn li ġejjin:**

1. L-importanza tal-iskola għalija bħala ċittadin tal-futur.
2. L-anzjani u r-rwol tagħhom fil-familja u fis-soċjetà Maltija.
3. Kif għandi ngħin iktar fil-familja tiegħi waqt il-ħin liberu.
4. Il-familja tal-bieraħ u tal-lum. **(20 marka)**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers